MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 24/2010

**Rikors Numru: 24/10 SM**

**Casa Antonia Ltd. (C27541)**

**vs**

**L-Av. Martin Fenech nominat b' digriet moghti fit-8 ta' Marzu tas-sena 2010 bhala kuratur deputat ghan-nom u in rapprezentanza tal-eredita` giacenti ta' John Cardona li kellu n-numru tal-karta t' identita` 460028M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat is-27 ta' Jannar, 2010 li permezz tieghu r-rikorrenti sejjah lill-intimat fuq indikat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m' ghandhux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef seba` mija sebgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€10,747.41), rapprezentanti bilanc dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' akkomodazzjoni u kura pprovduti mis-socjeta` mittenti a favur tas-sur John Cardona, li miet nhar il-hmista, (15), ta' Jannar 2010;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-intimat nomine li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat nomine datata d-29 ta' Marzu, 2010, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-esponent mhuwhiex edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulteruri meta jkun jaf il-fatti;

2. Illi r-rikorrenti ghandu jiddikjara jekk jaf b' eredi tal-mejjet John Cardona u fejn jistghu jinstabu;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-6 ta' Lulju, 2010, fejn jirrizulta li ghalkemm l-intimat nomine kellu udjenza rizervata appozitament ghalih biex ikun jista` jipproduci x-xhieda tieghu, dan la deher, la pprezenta x-xhieda tieghu, u lanqas iggustifika dan l-agir skont il-ligi;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti esposti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi d-decujus John Cardona kien ghamel l-ahhar perijodu ta' hajtu residenti f' fond propjeta` tas-socjeta` rikorrenti;

2. Illi l-ammont relattiv dovut ghal din id-degenza hu dak indikat fir-rikors promotur;

3. Illi dan l-ammont ma giex saldat;

Ikkunsidrat:

Illi l-kuratur deputat naqas li jipprezenta xi xhieda jew dokumentazzjoni li permezz taghhom seta` jikkonfuta` t-tezi tar-rikorrenti;

Illi din il-qorti m' ghanha l-ebda raguni ghaliex ma temminx il-versjoni tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-intimat kuratur deputat fuq indikat, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-kuratur deputat intimat biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata l-ammont ta' ghaxart elef seba` mija u seba` w erbghin Ewro u wiehed u erghin centezmu, (€10,747.41), bilanc dovut ghas-servizzi ta' akkomodazzjoni u kura provduti minnha lill-John Cardona li miet fil-15 ta' Jannar, 2010;

**2. Bl-ispejjez, u l-imghaxijiet dovuti skont il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------